Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 177/2014/1

**Twin Deal Limited (appellata)**

**Vs**

**Bruno Tucci f'ismu proprju u ghan-nom ta' Genergia Limited**
**(appellanti)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. Permezz tal-avviz promotur, il-kumpannija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €10,756.43, liema ammont huwa dovut b'rifuzjoni peress li naqas milli jissupplixxi l-merkanzija ordnata mill-attrici, imhallsa bil-quddiem, bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta' Jannar, 2014;

2. Illi ghal dan l-avviz, l-intimat ipprezenta risposta u wiegeb:

*"(i) Illi huwa m'huwiex il-legittimu kuntradittur f'ismu propju tat-talbiet attrici; (ii) Illi l-azzjoni attrici hija improponibbli stante li ma jezistux l-elementi ta' l-actio indebiti solutio; (iii) Illi l-azzjoni attrici hija improponibbli stante li r-rimedju tar-rifuzjoni tal-flus ma hux konsentit mil-ligi fic-cirkostanzi prospettati fl-avviz promotur; (iv) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-attrici m'ghandiex dritt titlob il-hlas lura ta' prezz imhallas abbazi ta' kuntratt ta' bejgh perfett, validu u veljanti; (v) Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-attrici effettivament hadet pussess tal-merkanzija mibjugha lilha mill-kumpannija intimata Genergia Limited; u (vi) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li nfondati fil-fatt u fid-dritt;"*

3. B'decizjoni tas-17 ta' Jannar 2014 il-Qorti tal-Magistrati iddecidiet

*"Illi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, laqghet it-talba ta' l-attrici u kkundannat lill-intimati in solidum jirrifondu lill-attrici dika s-somma mitluba minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' €10,756.43 bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta' Jannar, 2014."*

4. Illi l-appellant appella minn din is-sentenza u ilmenta li:

   i. L-ewwel qorti zbaljat meta laqghet it-talbiet attrici kontra l-konvenuti solidalment peress li l-kawza hi ghar-rifuzjoni ta' flus imhallsin minnha, stante li skont l-istess attrici, merkanzija minnha ordnata u mhallsa ma gietx debitament konsenjata mill-intimat u ghalhekk l-azzjoni tista' tirnexxi biss fil-konfront tal-persuna li maghha l-attrici kkuntrattat billi minghandha ordnat il-merkanzija u

ghalhekk il-konvenut Bruno Tucci ma setax jinsab responsabbli personalment ghal-hlas.

ii. L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li s-socjeta attrici kellha kull dritt li tinhall minn kuntratt ta' bejgh validu u perfett.

iii. Il-kumpratur ma ghandux il-jedd li jinhall minn kuntratt ta' bejgh unilateralment fejn il-bejjiegh jonqos mill-obbligi tieghu tal-konsenja minghajr ma tirrikorri ghall-awtorita' gudizzjarja, hija zbaljata fil-ligi.

iv. Li l-azzjoni attirici ma hix proponibbli bhala *actio indebiti solutio* izda bhala azzjoni kkontemplata mill-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili, fejn hi kellha taghzel bejn il-hall tal-bejgh jew it-twettiq ta' l-obbligu tal-konsenja jew dak ikkontemplat fl-Artikolu 1386 tal-Kodici Civili.

5. Is-socjetà appellata wiegbet (fol. 19).

6. **Fatti**:

i. L-attrici riedet tixtri zewg *heat exchangers*.

ii. Permezz ta' email datata 17 ta' Jannar 2014, Tucci ta stima lil Jason Bezzina, direttur tas-socjeta attrici (fol. 4). Dakinhar stess il-konvenut inghata cekk, datat 17 ta' Jannar, 2014 ghas-somma ta' €10,756,43 (fol. 3). Ic-cekk inhareg f'isem il-konvenut. Hlas li sar bil-quddiem.

iii. Wara hames xhur mill-ordni, il-konsenja kienet ghadha ma saritx. Dan meta mill-provi rrizulta li l-konsenja kellha ssir fi zmien gimghatejn jew tlett gimghat mill-ordni (fol. 38).

iv. B'email datata 28 ta' April, 2014 l-attrici nfurmat lill-konvenut biex jikkancella l-ordni, u talbitu jirrifondu l-hlas li kienet tatu.

v. B'email datata 15 ta' Mejju, 2014 (fol. 6), Mario Bezzina, direttur tas-socjeta attrici, ikkomunika mad-ditta estera li mmanifatturat l-oggetti, u gharrafha li l-oggetti kienu ghadhom ma gewx konsenjati. Permezz ta' email (fol. 5) Techno System infurmatu li ghalkemm l-ordni kienet saret u sar pagament akkont, *"…. Il materiale e' stato prodotto ma mai spedito perche' non e' stato pagato il saldo. In data 31/01/2014 abbiamo avvisato che il materiale era pronto per la spedizione in attesa di ricevimento. Il Sig. Tucci (Genergia) non ha piu' risposta ai nostri solleciti e richieste informazioni in merito all'ordine"*.

vi. Fit-22 ta' April 2014, Jason Bezzina (Twin Deal Limited) talab lil certu Roberto Vassallo u Santo Portera ta' Aretrop Limited sabiex jaghtuh stima ghall-istess oggetti. Aretrop Limited gabet stima minghand Techno System u l-appellata accettat l-offerta u sar in-negozju. Irrizulta li Techno System kienet l-istess kumpannija li Tucci kien innegozja maghha.

**Konsiderazzjoni.**

7. **L-ewwel aggravju** hu li l-ewwel qorti zbaljat meta laqghet it-talbiet attrici kontra l-intimat *proprio et nomine* b'mod solidali, in kwantu Tucci mhuwiex legittimu kontradittur.

   Hu fatt li Jason Bezzina stess xehed li:

   *"Mistoqsi ma' min jien ghamilt in-negozju in kwistjoni nghid li jien ghamiltu ma' Bruno Tucci f'isem is-socjeta' Genergia Limited"*.

   Sahansitra fit-twegiba tal-appell jidher li s-socjeta appellata regghet ikkonfermat dan il-fatt tant li argumentat li ma kellha l-ebda relazzjoni guridika ma' Tucci (ara l-ahhar paragrafu a fol. 24).

   Pero' hu fatt ukoll li l-hlas sar permezz ta' cekk li nhareg f'isem Tucci personalment[1]. Cekk li mid-dokument a fol. 4 jidher li ssarraf minn Tucci stess. L-istess konvenut lanqas ma ressaq prova ta' x'ghamel bil-flus, bhal per ezempju li ghaddihom lis-socjeta' konvenuta. F'dan ix-xenarju r-riferenza ghall-artikolu 1152 tal-Kodici Civili (ara paragrafu 15 tar-rikors tal-appell) m'hijiex flokha. Ghaldaqstant, Tucci m'ghandux ragun li jibqa' jsostni li m'huwiex legittimu kontradittur.

8. **Tieni aggravju** – Il-konvenuti jsostnu li n-negozju kien bejgh, u ghalhekk japplika l-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili:

   *"Jekk il-bejjiegh jonqos li jaghmel il-kunsinna, fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jaghzel hu,* ***jew li l-kuntratt jigi mahlul, jew li huwa jigi mqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha****, izda dan kemm-il darba d-dewmien ikun gie kkagunat mill-bejjiegh stess"*.

[1] Fir-rikors tal-appell l-appellant stess accettaw li l-hlas sar personalment lil Tucci (ara paragrafu 15 tar-rikors tal-appell).

Skont l-artikolu 1347 tal-Kodici Civili:

*"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta tal-haga' tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz ghalkemm il-haga tkun ghadha ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej"*.

Fil-kaz in ezami kien hemm ftehim dwar l-oggett u l-prezz. Pero' l-qorti hi tal-fehma li din id-disposizzjoni ma tapplikax fil-kaz in ezami, gialadarba m'hemmx prova li meta saret l-ordni u thallset is-somma ta' €10,756.43, l-appellanti jew min minnhom kien sid l-oggetti. Kif setghet il-proprjeta' tal-oggetti tghaddi ghand is-socjeta' attrici, meta l-oggetti kienu ghadhom mhumiex il-proprjeta' tal-appellanti? Ma setatx.

Inoltre, mill-atti jirrizulta li fit-28 ta' April 2014 (fol. 68) l-appellata kienet infurmat lil Tucci biex jikkancella l-ordni u jirrifondi lura l-flus li kien ircieva minghandha. Minn korrispondenza li Tucci stess baghat lill-attrici u lid-ditta li minghandha kellhom jinxtraw l-*heat exchangers* (fol. 65), jidher li hu accetta li jinhall in-negozju. Fil-fatt f'*email* datata 29 ta' April 2004, li baghat lid-ditta fejn suppost ordna l-*heat exchangers*, kiteb:

*"Ciao Maurizio,*

*Il cliente mi ha cancellato l'ordine dei due scambiatori e mi chiede il risarcimento come ci comportiamo?*
*Io non ho I soldi da restituire al cliente, se non mi vengono restituiti da voi"*.

Dan irrispettivament jekk l-*email* hijiex genwina, fis-sens jekk verament intbaghatitx jew kinitx biss tentattiv min-naha ta' Tucci biex jakkwista iktar zmien u jaghti lil Bezzina x'jifhem li qieghed jaghmel minn kollox biex jirkupra l-flus li rcieva minghand l-attrici.

Il-qorti zzid li ladarba falla n-negozju u l-appellanti qatt ma kkonsenjat l-oggett, l-attrici ghandha kull jedd li titlob lura l-hlas li tat lil Tucci. Mill-provi rrizulta li ghalkemm Tucci kien qieghed minn zmien ghal zmien igharraf lill-ufficjali tas-socjeta attrici li kien qieghed jistenna l-konsenja tal-oggetti, fir-realta' kien qieghed ighaddihom biz-zmien. Techno System infurmat lill-attrici li l-konsenja ma saritx minhabba li l-prezz baqa' ma thallasx. Verzjoni li l-qorti tqies li hi verosimili meta tikkunsidra dak li xehed Jason Bezzina; *"Nixtieq nghid li meta wasal ix-xoghol jiena qlajt labels li kien hemm fuq il-merkanzija u ezatt wara l-label tieghi kien hemm l-indirizz ta' Bruno Tucci"* (fol. 38). Min-naha

tieghu waqt il-kawza Tucci ghazel it-triq tas-silenzju u ma xehedx u lanqas ressaq provi. Ghalhekk l-unika verzjoni li kellha quddiemha l-qorti hi dik li harget mill-provi tal-attrici. Fic-cirkostanzi hu evidenti li l-konsenja lil Tucci ma saritx mhux minhabba l-problema li semma f'*email* tal-4 ta' April 2014 (fol. 75), izda ghaliex probabilment Tucci wza l-flus li nghata ghal skop iehor. Ghaldaqstant, Tucci ghandu obbligu li jirrifondi lura l-flus li rcieva gialadarba dawk inghataw lilu bhala hlas ghall-zewg *heat exchangers* li baqghu qatt ma gew konsenjati.

9. **<u>Tielet aggravju</u> –** l-appellanti jsostnu li l-ewwel qorti ghamlet zball ta' dritt meta qieset li l-azzjoni hi proponibbli bhala *actio indebiti solutio*.

   F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li kienu l-appellanti li fit-tieni eccezzjoni qalu, *"…. L-azzjoni attrici hija improponibbli stante li ma jezistux l-elementi tal-actio indebiti solutio"*.

   Fil-kaz in ezami zgur li m'hemmx l-indebitu kontemplat fl-artikolu 1021 tal-Kodici Civili, stante li l-pagament irid ikun sar bi zball. Meta l-attrici halset is-somma ta' €10,756, dan ma kienx bi zball. Li tithallas is-somma kollha mal-ordni, kien evidentement parti min-negozju. Kien hemm ftehim, ghaliex kieku l-attrici ma ghamlitx il-pagament.

   Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 1147 tal-Kodici Civili[2] li l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghalih fis-sentenza, saret riferenza ghas-sentenza **Maria Galea vs Grace Borg** tal-21 ta' Ottubru, 2005[3] fejn intqal:

   *"….. fil-kaz ta' l-indebitu ex re id-debitu li bil-hlas gie estint ma jezistix affattu. Dan jew ghaliex qatt ma ezistiet l-kawza originarja tar-rapport ("condictio indebiti sine causa") jew* ***ghaliex din il-causa giet nieqsa successivament in kwantu annullata jew ghax tkun sehhet il-kondizzjoni sospensiva li tahta kienet sottoposta*** *("condictio indebiti ab causam finitum"). F'din l-ahhar ipotesi ta' indebitu oggettiv huwa ghalhekk irrilevanti l-izball, o meno, fis-solvens. Dan anke ghaliex l-istess ligi ma tipprovdix dwaru fl-Artikolu 1147".*

   It-tielet aggravju tal-appellanti hu mibni fuq it-tezi li kien hemm negozju guridiku ta' bejgh u li kien ghadu jezisti. Il-qorti diga' kellha l-opportunita li tghid li ma kienx hemm bejgh. Irrispettivament japplikax jew le l-artikolu 1047 tal-Kodici Civili, ladarba l-appellanti ma kkonsenjatx l-oggetti u nhall in-negozju, l-appellanti ghandha jedd li

---

[2] *"(1) Kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista' jintalab lura".*

[3] Prim'Awla, Imhallef P. Sciberras.

titlob lura l-flus li halset lil Tucci. B'hekk biss l-attrici tista' titqieghed fil-posizzjoni li kienet qabel sehh in-negozju.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.